MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 643/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Ritianne Cross (K.I. 264288M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tliet mija, tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€322.93) rapprezentanti prezz ghal servizzi ta' internet rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuta; illi l-konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti; bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn ecceppiet illi stante li l-ammont pretiz ma huwiex dovut u dan skont l-provi li ser jitresqu.

Ra l-affidavit ta' Maria Concetta Grixti, *Credit Controller* tas-socjeta Vodafone Malta Limited.

Ra l-atti w id-dokumenti kollha.

Ra li fl-ahhar verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2012 il-konsulent legali tas-socjeta attrici talbet illi din it-talba tibqa ghas-sentenza peress illi l- baqghet ma pprezentatx il-provi taghha.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidera:

Illi skont l-affidavit tal-*Credit Controller* il-konvenuta kienet dahlet f'kuntratt mas-socjeta' attrici ghas-servizz tal-internet fis-27 ta' Frar 2008 (Dok VML1, a fol. 34 tal-process). Illi minkejja li pprovdiet dettalji tal-Bank biex is-socjeta' attrici tiehu l-flus permezz ta' *direct debit* dan ma sehhx. Illi qatt ma thallset il-kontijiet taghha u ghalhekk wara li ssospendew is-servizz dan gie maqtugh ghal kollox f'Gunju tal-istess sena. Illi fis-sittax (16) ta' Ottubru 2008 l-konvenuta hallset ammont ta' mitejn hamsa u tmenin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€285.27) pero kien ghad ghandha l-apparat tas-socjeta' attrici u ghalhekk kelhom jittiehdu passi legali. Wara li nftehet il-kawza, l-konveuta rritornat l-apparat u ghalhekk l-ammont ta' tliet mija u hamsa u ghoxrin ewro (€325) gie kkreditat lill- konvenuta u ghalhekk dak li kien fadal kien biss l-ispejjez tal-kawza.

Illi fil-mori tal-gudizzju ntlahaq qbil bejn il-partijiet dwar il-hlas reklamat mis-socjeta' attrici hekk kif evidenzjat mill-affidavit tal-*Credit Controller* (esebit a fol. 34 tal-process). Ghaldaqstant peress li thallas l-ammont mitlub fl-avviz kollu, l-kwestjoni li ghad fadal pendenti bejn il-partijiet tirrigwarda unikament il-kap tal-ispejjez.

Hu principju pacifiku fil-gurisprudenza li l-konvenut sokkombenti illi jirrikonoxxi li ghandu jaghti l-ammont mitlub mbaghad ukoll (bhal fil-kawza odjerna) jghaddi biex

ihallas, ma jistax jigi mehlus mill-hlas tal-ispejjez jekk ma jkunx hemm xi raguni fil-kuntrarju

It-Tribunal innota li minkejja l-hlas da parti taghha tas-sorte, mid-data tat-12 ta' Mejju sas-seduta tat-28 ta Frar 2012, la l-konvenuta u lanqas l-avukati taghha ma dehru hlief fl-ahhar seduta fejn dehret l-avukata Dott. Mary Elise Aguis, li ghan-nom tal-avukat Dott. Owen Bonnici, rrinunzjat ghall-patrocinju tal-konvenuta.

Mill-gurnata li rritornat l-apparat (u ghalhekk ma kienx ghad fadal bilanc dovut lis-socjeta' attrici) hi kellha diversi opportunitajiet tidher fit-Tribunal biex tghid ghaliex ma kellhiex thallas l-ispejjez. Pero dan ma ghamlitux.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi t-talba billi fl-ewwel lok jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tas-socjeta' attrici, gjaladarba l-hlas mill-konvenuta gie saldat fil-mori tal- gudizzju; pero' jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------